DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/1965

tas-27 ta' Ottubru 2015

dwar l-aċċettazzjoni tal-Kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) (EUAM Ukraine/4/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) ([1]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(3) tad-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") biex jieħu deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għal EUAM Ukraine minn Stati terzi.

(2) Il-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili rrakkomanda li l-KPS jaċċetta l-kontribuzzjoni proposta mill-Iżvizzera għal EUAM Ukraine u jqis il-kontribuzzjoni bħala sinifikanti.

(3) L-Iżvizzera għandha tkun eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit operazzjonali ta' EUAM Ukraine,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontribuzzjonijiet ta' Stati Terzi

1. Il-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għal EUAM Ukraine hija aċċettata u meqjusa bħala sinifikanti.

2. L-Iżvizzera hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit operazzjonali ta' EUAM Ukraine.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS

([1]) ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42.